MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2014

Numru. 446/2008

**Artikoli 18, 86, 87 (1) (b), 201 (b), 207, 221, 251B u 251A,**

**339 (1) (d), 339 (e), 338 (dd), 338 (bb) tal-Kapitolu 9,**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**DAVID CARUANA SMITH**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **DAVID CARUANA SMITH,** ta’ 58 sena, bin il-mejjet Paul u Carmelina nee’ Borg, imwieled l-Isla fis-7 ta’ Novembru, 1950 u residenti fil-fond numru: 4, Flt. Nru. 5, Triq is-Sirena, L-Isla u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 946050(M) u akkuzat talli f’dawn l-ahhar seba’ xhur, b’diversi atti maghmulin, f’hinijiet differenti fil-gzejjer Maltin, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u liema atti gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda u dana bi ksur ta’ l-art. 18, tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta:

A) Talli, fil-lejl ta’ bejn is-17 u t-18 ta’ Mejju, 2008 u fil-granet u x-xhur ta’ qabel, filwaqt li kien fil-fond: Nru 4, Flt. Nru. 6, Triq is-Sirena, gewwa l-Isla, wettaq attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-

persuna Grace Mary Grima minn l-Isla, liema persuna ma setghetx tirrezisti minhabba marda tal-gisem jew tal-mohh.

B) Akkuzat ukoll talli, fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' taghha; liema delitt sar bhala mezz biex il-persuna tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

C) U aktar talli, fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Mejju, 2008, filwaqt li kien fil-font: Nru 4, Flt. Nru. 6, Truq is-Sirena, gewwa l-Isla, ikkawza griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Grace Mary Grima minn l-Isla, hekk kif iccertifikat minn Dr. Jesmond Cassar (Warrant Mediku bin-numru: 1906), bhala t-tabib tac-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid.

D) Akkuzat ukoll talli, fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Mejju, 2008; filwaqt li kien fil-fond: Nru 4, Flt. Nru. 6, Truq is-Sirena, gewwa l-Isla, hebb kontra l-persuna ta' Grace Mary Grima sabiex jingurjaha jew jaghmel hsara lill-istess.

E) Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien fil-font: Nru 4, Flt. Nru. 6, Truq is-Sirena, gewwa l-Isla, hedded bil-mewt lil Grace Mary Grima minn l-Isla.

F) Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien fil-fond: Nru 4, Flt. Nru. 6, Truq is-Sirena, gewwa l-Isla, kiser il-Bon Ordni u l-Paci Pubblika b'ghajjat u glied.

G) U aktar akkuzat talli, fl-istess cirkustanzi, filwaqt li kien fil-fond: Nru 4, Flt. Nru. 6, Triq is-Sirena, gewwa l-Isla, qal kliem oxxen, indecenti u dagha.

H) Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, gab ruhu b'tali mod li kkaguna lil haddiehor biza' li se tintuza vjolenza kontra taghha, meta huwa kien jaf jew missu kien jaf li, b'tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor biza'.

I) Akuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, gab ruhu b'mod li jaghti fastidju lil Grace Mary Grima u b'mod li kien jaf, jew li missu kien jaf li, kien ta' fastidju ghall-persuna hawn imsemmija.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-art. 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' din il-persuna hawn fuq indikata.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Grace Mary Grima, minn L-Isla u l-familjari taghha, ai termini ta' l-artikoli 412C u 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-

mori tal-kawza, kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat, fedina penali, karta tal-Identita' tal-imputat, il-passaport tal-imputat, kunsens tal-Avukat Generali datat 20 ta' Mejju 2008 markat bhala Dok SNG 1 (fol. 25), u l-stqarrija tal-imputat datata 18 ta' Mejju 2008 markata bhala Dok SNG 3 (fol. 27).

Rat illi **l-Ispettur Jesmond Borg** xehed fl-4 ta' Gunju, 2008 fejn spjega li fit-28 ta' Mejju, 2008 ghal habta tal-ghaxra u nofs ta' filghodu kienet marret l-ghassa ta' Bormla certu Grace Marie Grima detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 17363M fejn riedet taghmel rapport kontra certu David Caruana Smith li jirrisjedi l-Isla u huwa girien taghha fil-blokk ta' flattijiet. Grace Marie Grima allegat li fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Mejju, waqt li kienet gewwa l-flat taghha hi hassitha ddisturbata minn volum eccessiv tal-muzika li kienet qed tindaqq. Filfatt stqarret li kienet ilha tindaqq mill-hamsa ta' filghaxija u kif saru d-disgha ta' filghaxija hija cemplet l-ghassa ta' Bormla u talbet lill-pulizija biex ikellmuh sabiex ibaxxi l-muzika li kien qed idoqq. Hija kienet qalet li kul ma hemm jissepara l-flat taghha u l-flat

tal-imputat huwa *partition* dejjaq u allura ma setghetx' tistrieh. Filfatt il-Pulizija kienu kellmuh fuq din il-bicca xoghol.

Sussegwentament inqalghet kwistjoni ghax l-imputat mar ihabbat u jaghti fuq il-bieb taghha, heddidha li kien sejjer joqtolha, li kien sejjer ikecciha mill-flat, fost dagha u kliem hazin u qalilha biex tiftahlu. Hi minn naha taghha bezghet, dahlet fis-sodda u ma kellmitux. Qalet li l-muzika kompliet sas-siegha ta' filghodu.

Kif l-imputat baxxa l-muzika, rega' mar jaghti bil-ponn u jissara mal-bieb tad-dar taghha u f'hin minnhom wahlilha l-qanpiena tal-bieb biex dan ikun jista' jidhol fil-flat taghha. Hi qalet lill-Ispettur illi ma setghatx taghmel mod iehor ghax kienet fis-sodda u ma setghetx thalli l-qanpiena mwahhla. Ghalhekk harget tistaqsieh biex ma jkomplix ghaddej biha. Il-bieb ta' barra taghha kien fuq il-katina ghax qalet illi tibza' minnu.

L-Ispettur spjega li dan David kien baqa' jinsisti maghha biex hi ddahlu gewwa l-flat taghha. Hi kienet talbitu biex ma jsawwathiex u dahhlitu fil-flat. Dak il-hin fil-komun tal-flattijiet rat lill-mara tieghu u lit-tifel tat-tifla tieghu li huwa zghir ta' xi erba' jew hames snin. Hija dahlitu sabiex jikkalma s-sitwazzjoni.

Hija stqarret mal-Pulizija illi kif dahal ghandha, dan beda jbaghbasha, jmissilha l-partijiet privati taghha u sfurzaha biex tinzel ghal fuq is-sufan it-twil li kellha hi fil-kamra u hareg il-parti tieghu u beda jitlobha biex taghmel certu affarijiet biex hi tikkuntentah. Ir-raguni li beda jghidilha hekk kienet li huwa ghandu *depressio*n u jekk hi taghmel certu affarijiet mieghu, lilu tkun tista' tfejqu mill-problema li ghandu.

Hija stqarret mal-Ispettur illi qaghdet ghal certu affarijiet ghax bezghet illi jigrilha xi haga aghar minn hekk u cioe' jekk tirresistieh kienet ha twegga. L-imputat insista wkoll maghha biex ikollu x'jaqsam maghha. Sadanittant il-mara tal-imputat kienet ghadha barra. Filfatt hija qalet lill-Ispettur illi dawn l-affarijiet kienu ta' ftit sekondi u bdiet tirresistieh u tirrifjutah ghax ma riditx ikollha x'taqsam mieghu. Kif l-imputat ra hekk, rega' dahhal il-parti tieghu u ikkwieta l-parti tieghu peress li kellu erezzjoni sabiex il-mara tieghu ma tindunax b'dan kollu. Huwa qalilha li jekk tghid lill-pulizija huwa joqtolha u jhangrilha ghonqha u joholqilha hafna nkwiet.

Sussegwentament hareg il-barra u skont hi l-mara tieghu qaltilha "qed tara kif irrangajtu". Il-mara tieghu ma ndunatx b'dan kollu u sar rapport l-ghassa ta' Bormla.

L-Ispettur iddikjara li huma hadulha l-verzjoni informali xi tmien darbiet u dejjem kienet konsistenti. Huwa stabilixxa wkoll illi l-mara

kif qaltlu hija stess kienet taht il-kura psikjatrika ta’ Dr Ethel Felice. Hija kienet ilha ghal dawn l-ahhar tal-anqas hmistax-il sena taht din il-kura ghax tbati minn *manic depression* u kellha diversi problemi. L-Ispettur stabilixxa li xi tmien snin qabel dan l-incident hija kellha relazzjoni konsenswali ma’ l-imputat, liema relazzjoni damet fuq tliet snin. Pero’ kienet hi illi waqfet ir-relazzjoni mieghu ghax ma riditx tkompli mieghu. Filfatt huma baqghu jghixu bhala girien u ma kienx hemm kuntatt.

Fuq dak li gara fil-lejl ta’ bejn is-sbatax u t-tmintax hija qalet li ma kienx hemm il-kunsens taghha ghax hu sforza ruhu fuqha u hi bezghet minn dak li seta’ jaghmlilha.

L-Ispettur ghamel aktar stharrig u stabilixxa li l-imputat odjern David Caruana Smith. Huwa kien ta struzzjonijiet lis-Surgent li kien ghassa dakinhar biex imur jarrestah halli jkunu jistghu jsiru aktar investigazzjonijiet f’dan ir-rigward.

Huwa spjega li waqt li kien qed isir l-arrest tal-imputat, Grace Marie Grima irrilaxxat depozizzjoni mir-rieda taghha fil-prezenza tal-kuntistabbli mara WPC 137 Cleofa Buhagiar u rrizultalhom dak li ghadu kemm xehed fuqu l-Ispettur. Huwa staqsiha jekk kellhiex xi griehi minn dan l-incident u hija wrietu l-pala ta’ idha l-leminija li kien fiha xi grif pjuttost frisk. In vista ta’ dan huwa baghtha l-poliklinika ta’

Rahal Gdid biex tigi kkurata u aktar tard gabulu certifikat mahrug minn Dr. Jesmond Cassar li gie ezebit bhala Dok. SNG2.

L-Ispettur tenna illi meta gabu lil David Caruana Smith gewwa l-ghassa ta' Bormla, dan beda jichad min-naha tieghu u beda jghidilhom illi dik mignuna u ma tafx x'inhi tghid u baqghu jikkonfrontawh fuq dawn l-affarijiet. Huwa stqarr illi fil-bidu gie naqra bejn haltejn u hass il-htiega fil-kors tal-investigazzjonjiet tieghu illi jkun hemm konfrontazzjoni bejn il-vittma u bejn il-persuna li kien qed jigi nvestigat. Il-verzjoni tal-vittma taghtha xi tmien darbiet sakemm fl-ahhar ittiehdet bil-miktub u kienet konsistenti dejjem. Din il-kwistjoni li kellhom relazzjoni qabel, irrizultat fil-mument li kien qed innizilha bil-miktub din il-verzjoni, biss hi sahqet maghhom li kienet konsenswali dak li kien sehh tmien snin qabel. Dan David Caruana Smith kien gie kkonfrontat ma' Grace Marie Grima u baqghet issostni l-istess affarijiet fil-konfront tieghu. Fl-opinjoni tieghu, meta kienet qed issir dik il-konfrontazzjoni fil-prezenza tieghu u fil-prezenza tas-surgent 1177 Carmel Bonello, dehret pjuttost konvincenti.

Sussegwentement, l-Ispettur baqa' jissikka lil David Caruana Smith u fil-bidu cahad, imma mbaghad qallu li ghamel certu affarijiet. L-imputat fil-bidu ammetta li kellu relazzjoni maghha u li kien iddecieda hu li jtemmha fil-passat. Dan jigi qisu l-istess perjodu taz-zmien li semmiet hi. L-imputat spjega li kien jaghtiha l-flus biex imantniha u mbaghad sab li kellha l-haddiehor u allura kien iddecieda li jwaqqaf

dik ir-relazzjoni. Biss fuq dak li kien mistoqsi fuq dak li gara fil-lejl ta' bejn is-sbatax (17) u t-tmintax (18) ta' Mejju ta' din is-sena, wiegbu illi huwa ghamel certu affarijiet, imma hi qaghdet ghal certu affarijiet. L-imputat sostna li jekk huwa hareg il-parti tieghu, hija misset il-parti tieghu. Huwa cahad li kien zammha kontra r-rieda taghha.

L-Ispettur qal li huwa kien informa wkoll lill-Magistrat tal-ghassa ta' dik il-gurnata, l-Magistrat Vella. Fil-fatt kien tah l-*go ahead* biex izommu arrestat ghal aktar investigazzjonijiet u biex ikun jista' jressqu quddiem il-Gustizzja.

L-Ispettur ipprezenta stqarrija li kien irrilaxxa David Caruana Smith, liema stqarrija hija ta' tlett (3) faccati u li giet immarkata bhala Dok. SNG3. Din l-istqarrija nghatat ukoll wara li nghatat is-solita twissija fil-prezenza tas-surgent Charles Bonello PS 1177 fil-gurnata tat-18 ta' Mejju ghal habta tat-tmienja w nofs u hamsa (8.35) ta' fil-ghaxija. L-imputat fil-verzjoni li rrilaxxa hu, kien ghazel li jiffirma din l-istqarrija. Huwa kien cahad li hu kien heddidha u kien qalilha certu kliem. Biss kien stqarr li qalilha xi kliem bhal mignuna u affarijiet ta' dak it-tip insomma.

Huwa ddikjara li l-persuna li ngabet l-ghassa hija l-istess imputat li huwa gharaf prezenti fl-awla u huwa l-persuna li kienet haditlu din l-istqarrija. Huwa gharaf ukoll li dan l-individwu, wara li kien kellmu nformalment, kien ghazel li jaghtih il-verzjoni bil-miktub, li hija din il-

verzjoni li pprezenta. Huwa gharaf il-firma tieghu, tas-surgent u tal-imputat prezenti in awla li huwa David Caruana Smith.

**Dr Jesmond Cassar** xehed fis-Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2008 fejn gie muri Dok. SNG 2 li huwa certifikat mediku. Huwa kkonferma li dan huwa certifikat mediku rilaxxat minnu u gharaf il-firma tieghu fuq dan ic-certifikat mediku. Huwa kkonferma wkoll il-kontenut ta’ dana c-certifikat mediku li huwa datat 18 ta’ Mejju 2008 fejn huwa kien invista lil Grace Grima u dina kienet qieghda ssofri minn zewg girfiet fjammati f’idha l-leminija. Huwa kkonferma wkoll li n-natura tal-griehi kienet wahda hafifa.

Ix-xhud tenna li d-data li meta ezamina lil dina Grace Grima kienet 18 ta’ Mejju 2008. Huwa ma eskludiex li dina Grace Grima setghet qaltlu kif sofriet dawna l-griehi pero’ huwa haga bhal dik ma nizziliex fic-certifikat. Spjega illi n-natura ta’ dawn il-griehi tista’ tigi kagunata minn kull haga li taqta’, inkluzi d-dwiefer.

**PS 1177 Carmelo Bonello** xehed fis-Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2008 fejn gie muri dokument SNG 3 u kkonferma li din hija l-istqarrija tal-imputat li qed jaghraf prezenti fl-awla. Huwa kkonferma li kien prezenti ghat-tehid ta’ din l-istqarrija, liema stqarrija hija datata 18 ta’ Mejju, 2008 u li l-imputat inghata twissija skond il-ligi u rrilaxxa l-istqarrija b’mod volontarju. Ix-xhud ikkonferma li qed jaghraf il-firma tieghu, dik tal-Ispettur Jesmond Borg u ta’ l-imputat li ghazel li

jiffirma din l-istqarrija. Ix-xhud ipprezenta l-okkorrenza rigward il-kaz li hija mdahhla u ffirmata minnu u li giet immarkata bhala Dok. CBP1.

Huwa tenna illi fit-18 ta' Mejju tas-sena kurrenti u dana ghal habta tas-siegha ta' wara nofsinhar kienet giet l-Ghassa Bormla certu Grace Grima fejn dina kienet irraportatlu li gurnata qabel u cioe' fis-17 ta' Mejju tas-sena kurrenti u ghal habta tad-disgha ta' filghaxija il-gar taghha u cioe' certu David Caruana Smith kien qieghed idoqq muzika gholja u li kienet infurmat lilhom b'dan ir-rigward.

Ix-xhud jiftakar li wiehed mill-Kuntistabbli li kellhom l-ghassa kien cempel lis-Sur David Caruana Smith. Huwa ha l-impressjoni minn dik it-telefonata li l-imputat kien baxxa l-muzika u l-incident waqaf hemm. Pero' dina s-Sinjura Grima ziedet tghid li aktar tard, David Caruana Smith zied il-volum tal-muzika, kien hareg barra, beda jhabtilha fuq il-bieb u anke beda joffendiha. Hi qaltilhom ukoll li ma setghetx tinfurmahom ghax ma kelliex kreditu fuq il-mobile. Hija ziedet tghidilhom ukoll illi David Caruana Smith baqa' jinsisti bit-tahbit tieghu fuq il-bieb tar-residenza taghha .

Din spjegatilhom ukoll li hi mbaghad ddecidiet li tiftah il-bieb ghal dan David Caruana Smith u fethitlu pero' halliet il-katina mal-bieb. Lilu qaltlu jekk tiftahlu biex ma jkunx dublett u jsawwat mara. B'hekk nehhiet il-katina u fethet il-bieb. Dina ziedet tghidlu illi meta dahal gewwa David Caruana Smith kien qabad il-partijiet intimi ta' dina

Grace Grima u wkoll stedinha biex taghmel sess mieghu u hija rrifjutat. Qalet li mbaghad hija spiccat giet migrufa. Fil-fatt l-ghada dina Grace Grima kienet urietu dan il-grif u qaltlu li kienet qaltlu li David Caruana Smith kien heddidha li jekk hija kienet sejra tinforma b'dak li gara lill-Pulizija huwa kien sejjer jaqlalha t-trouble u anke joqtolha. Huwa nforma lill-Ispettur Jesmond Borg bl-akkadut.

Huwa kkonferma in kontro ezami li qabel dan l-incident Grace Grima kienet infurmatu li lill-imputat kienet tafu u filfatt kienu joqghodu faccata ta' xulxin. Fil-kors tal-investigazzjonijiet kien irrizulta li Grace Grima ma kienitx tafu biss bhala gar taghha. Huwa ha l-impressjoni li setghet kien hemm xi haga intima bejniethom. Waqt it-tehid tal-istqarrija, l-imputat cahad li hu kien ghamel xi haga kontra l-volonta' ta' Grace Grima jew illi heddidha. Huwa tenna li waqt l-investigazzjonijiet Grace Grima kienet infurmathom li hija kienet qieghda tiehu xi tip ta' medicina ghal kura ta' mard mentali.

**Grace Mary Grima** xehdet fis-Seduta tad-9 ta' Marzu, 2009 fejn iddikjarat li fit-18 ta' Mejju 2008 hija ghamlet rapport lill-Pulizija l-Ghassa ta' Bormla u ghaliex fil-lejl ta' bejn is-17 u 18 ta' Mejju 2008 l-imputatipprova jirrejpjaha u hija ma hallietux. Spjegat illi fid-data tas-17 ta' Mejju 2008 ghal xi l-hamsa ta' wara nofsinhar wara li kienet spiccat il-facendi waqfet tistrieh naqra u mteddet. L-imputat li huwa gar taghha u qieghda taghrfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla qalet illi ghal habta tal-hamsa beda jdoqq id-diski u hija ma setghetx

tistrieh. Hija habbtitlu l-bieb biex jieqaf idoqq pero' dan ma semahiex u marret taghmel rapport l-Ghassa. Dan kien ghal habta ta' xi d-disgha ta' filghaxija li hija marret taghmel rapport l-Ghassa.

Imbaghad dakinhar stess, aktar tard filghaxija l-imputat li kien induna li marret tghamillu rapport, gie jipprova jisfronda l-bieb taghha. Kisser il-bieb pero' ma rnexxielux jisfrondah u qalet illi s-serratura kien caqlaqielha u hija pero' ma fethitlux.

Dana mbaghad beda jghajjarha minn wara l-bieb taghha li hija mignuna, u qal kliem oxxen fil-konfront tal-familjari taghha. Fil-fatt beda jghid kliem oxxen in kwantu ghal mejtin taghha u hawn xtaqet tippreciza li huha kien ghadu kif miet ftit qabel. Huwa beda jidghi wkoll. L-imputat qal ukoll li kien sejjer jitfaghha mill-gallarija ghal isfel u qalilha li kien ser jaghtiha hafna nkwiet fil-flat u hawn ipprecizat li hija mara wahedha. Hija hallietu jghid, ma qaghditx tisimghu u ma tatx kazu u ma rrispondietux lura.

Ix-xhud sostniet li dan baqa' sas-siegha ta' filghodu zgur. Allura kienet fil-gurnata tat-18 ta' Mejju 2008 li dan baqa' jghajjat u jghajjarha. Il-muzika aktar gholiet sas-siegha ta' filghodu. Sussegwentament cemplet il-qanpiena tal-flat taghha u ddecidiet illi tiftahlu fuq il-katina. Hija pprecizat li l-imputat beda jghafasha kollha l-qanpiena tal-flat u hija ma felhitx rasha b'dan ic-cempil tal-qanpiena. Allura fethet fuq il-katina, dan dahhal idejh u qalilha biex ma twegghux.

Huwa qalilha biex jirragunaw, allura hija nehhiet bil-mod il-katina. Qabel ma fethitlu lill-imputat qaltlu biex ma jkunx dublett ghax hija mara wahedha u ma jsawwathiex.

Hekk kif hija nehhiet il-katina, imbotta l-bieb, dahal gewwa, kixfilha l-flokk u dahhal sidirha go halqu. Hekk kif l-imputat dahal gewwa ghalaq il-bieb warajh u mbaghad dahal fis-salott taghha bil-bott tal-birra u gibidha bil-qieghda. Wara l-imputat hareg persuntu u qalilha biex timmasturbah.  Hija qaltlu li ma tridx. Imbaghad qalilha li hu ried ikollu x'jaqsam sesswalment maghha izda x-xhud qaltlu li ma tridx. Ix-xhud ipprecizat li mart l-imputat kienet qieghda barra l-bieb taghha u ghal xi tliet darbiet hija dahlet u hu qalilha biex terga' tohrog. Hija ddikjarat illi mart l-imputat kienet qieghda wara l-bieb tal-flat u cioe' allura wara l-bieb tal-flat tax-xhud.

Hija spjegat li l-imputat kien gibidha bil-qieghda hdejh ghal fuq is-sufan li ghandha fis-salott u kellu l-bott tal-birra f'idejh. Huwa beda jinsisti maghha li riedha li hi timmasturbah u hi qaltlu li tridx ghal iktar minn darba. Dak il-hin l-imputat kellu l-genitali tieghu barra. Stqarret illi hin minnhom ukoll l-imputat kien qabdilha l-parti privata taghha minn gox-shorts u hija nehhietlu jdejh. Wara l-imputat qalilha li hu kien se jibda jigi bil-flus id-dar taghha u jhallasha u jkollu x'jaqsam maghha sesswalment.

Ix-xhud kompliet tispjega li l-imputat beda jghidilha li hu jhobbha. L-imputat dak iz-zmien kellu d-dipressjoni u kien jixrob. Martu stess tghid ma' kulhadd li l-imputat jiehu l-pilloli kontra d-dipressjoni u fl-istess hin jisker. Ix-xhud tiftakar li dakinhar tal-akkadut, l-imputat zgur kien fis-sakra. L-imputat dak il-lejl beda jghidilha li jekk hu jmur maghha, id-dipressjoni kienet tghaddilu.

Wara l-imputat hareg bil-kwiet. Hija stqarret illi meta kienu qeghdin gewwa, l-imputat rossha bil-qieghda u beda jmissilha l-parti genitali taghha u ghalhekk qalet li huwa beda jipprova jirrejpjaha. Hija kienet qaltlu biex ihalliha bi kwieta meta hu offrielha li jkollu x'jaqsam maghha u hallasha. Hija qaltlu illi martu tohrog tifel zghir u tmur ghax-xoghol xemx u xita u x-xhud ma riditx tiehu flus li jkunu ghaliha. Qabel ma l-imputat hareg bi kwiet mill-post taghha pero' l-mara tieghu kienet ghal darb'ohra dahlet fil-flat tax-xhud u qaltlu: ara xi rraguna issa.

Ix-xhud tipprezumi li ma kinitx taf x'kien verament qed jghidilha jew bezghet minnu u qalet illi mbaghad l-imputat telaq bil-kwiet u martu telqet mieghu. L-ghada filghodu x-xhud sabet girfa fuq idha l-leminija u kienet girfa imhaffra. Hija spjegat illi meta l-imputat kien qieghed gewwa l-flat taghha l-imputat m'uzax kliem ta' theddid pero' kien mohhu biss li jmissha. Ix-xhud tbaghti minn *manic depression* u tiehu l-kura taghha billi tiehu pilloli regolarment u ma timmisjahomx. Hija ddikjarat li ma tixrobx alkohol.

Hija qalet li l-imputat beda jzommha kontra l-volonta taghha u hi riditu jitlaq minn hemm gew. Hija riditu jitlaq halli tmur torqod. Ix-xhud stqarret illi hija lill-imputat kienet tafu fil-passat. Fil-fatt kienet qieghda f'relazzjoni fil-passat mal-imputat meta l-imputat kien diga' mizzewweg u dak iz-zmien ix-xhud kienet qieghda fil-fazi li tista' ssejhilha peak. Dak iz-zmien kienet tiehu kura li ma kinitx laqtitha pero' iktar ricenti kienu bidlulha l-pilloli u issa thossha li hija kkontrollata sew anke fil-karattru taghha. Hija temmet ir-relazzjoni taghha ma' l-imputat xi seba' snin ilu. Ix-xhud tinsab certa in kwantu ghal marda taghha li ilha tajba ghal dawn l-ahhar erba' snin. Hija taf li nbidlet fil-karattru u kemm ilha tinghata kura tajba saret mara tal-affari taghha u anke l-immagini taghha u kif tilbes issa rrangat skond il-karattru li ghandha u cioe' m'ghadhiex tilbes zaqqha barra jew kollox barra. Ix-xhud taf illi f'dawn l-ahhar seba' snin ma kellhiex kuntatt mal-imputat.

Ix-xhud ghamlet referenza ghall-incident li sehh bejn is-17 u t-18 ta' Mejju 2008, fejn kellha girfa fonda li kienet tugghaha, u qalet li l-Pulizija kienu akkumpanjawha goc-centru tas-sahha ta' Rahal Gdid u t-tabib li kien ezaminaha kien hareg certifikat mediku. Dan ic-certifikat kienu haduh il-Pulizija.

Ix-xhud in kontro ezami spjegat illi hija tiehu injection kull erba' gimghat, tiehu tliet pilloli Apelin kuljum, tiehu erba' valiums tal-five

kuljum, erba' Artein u zewg Pratend filghaxija ghal *manic depression*. Mistoqsija mid-difiza jekk hux veru li sa erba' snin ilu hija kellha x'taqsam sesswalment mal-imputat wiegbet illi mhux minnu. Hija stqarret illi l-imputat waqt li kienet ghaddejja r-relazzjoni bejniethom gieli taha flus. Dak iz-zmien hija kienet qieghda *high* u l-flus kienet hadithom mhux ghax talbitu hi. Matul il-perjodu li kellha relazzjoni mal-imputat hija stqarret li kien hemm atti sesswali bejniethom.

Meta l-imputat kien mar filghaxija u wara li kienet ghamlet rapport l-ghassa fis-17 ta' Mejju 2008, l-imputat qal li kien gie biex jisfronda l-bieb pero' mbaghad kien fethitlu hi wara li hu kien qalilha illi huwa ried ikellimha. Hija qalet illi l-bott birra li kien dahhal mieghu d-dar taghha l-imputat f'din id-data li semmiet kien gabu mieghu. Mistoqsija mid-difiza jekk kemm-il darba meta kien qieghed gewwa l-flat taghha l-imputat zammx dan il-bott tal-birra f'idejh wiegbet li ma tiftakarx ghax hi kienet qieghda tikkumbatti mieghu. Hija spiccat fuq is-sufan fejn kien hemm l-imputat ghax l-imputat gibidha lejh ghal fuq is-sufan u hija kienet mara wahedha u kienet imbezza'.

Hija tenniet li l-imputat kien gibidha minn idejha ghal fuq is-sufan mhux ghax poggiet hi fuq is-sufan. Ghalhekk hija spiccat li poggiet bil-qieghda fuq is-sufan. Hija ma riditx toqghod bil-qieghda, kien l-imputat li spicca gibidha hu u spiccat bil-qieghda fuq is-sufan. Fil-hin li hija spiccat bil-qieghda fuq is-sufan, l-imputat qieghed il-bott tal-birra fuq il-mejda tas-salott. Il-pozizzjoni kif kienu huma fuq is-sufan kienet

li hija u l-imputat it-tnejn kienu qeghdin bil-qieghda. Dak il-hin li hija u l-imputat kienu qeghdin fuq is-sufan, il-bieb tal-appartament taghha kien imbexxaq (sottolinear ta' din il-Qorti). Hija spjegat li bhala distanza mis-sufan ghal bieb tal-appartament taghha hemm qisu nofs din l-Awla. Hija qalet illi meta hija kienet qieghda bil-qieghda fuq is-sufan, bdiet tipprova tqum pero' l-imputat kien jerga' jigbidha 'l isfel. Dan gara iktar minn darba li hija bdiet tipprova tqum u l-imputat jerga' jigbidha 'l isfel ghal fuq is-sufan.

Mistoqsija mid-Difiza jekk ippruvatx tahrab mill-appartament wiegbet illi fejn iriduha tmur? Hija kienet qieghda bil-pigama, wara l-bieb kien hemm mart l-imputat bit-tifel tieghu u xtaqet li ma taqlalhomx inkwiet u dik kienet darha fejn kienet qieghda. Ghalhekk hija ma ppruvatx tahrab mill-appartament (sottolinear ta' din il-Qorti). Il-bieb fejn kienet qieghda fuq is-sufan, il-bieb tal-appartament taghha kien imbexxaq, maghluq. Hija kkonfermat li mart l-imputat kienet dahlet fl-appartament taghha tliet darbiet (sottolinear ta' din il-Qorti), ghax dakinhar filghaxija il-bieb ma kienx imsakkar. Spjegat illi meta kienet spiccat biex fethet il-bieb lill-imputat innutat li martu kienet qieghda warajh u allura kienet wara l-bieb (sottolinear ta' din il-Qorti). Meta l-mara tal-imputat kienet dahlet l-ewwel darbtejn, ix-xhud u l-imputat kienu qeghdin fuq is-sufan.

Ix-xhud qalet li hin minnhom l-imputat meta kien qieghed gewwa l-appartament taghha kien qalilha ara x'gaghlitu jilbes, boxer shorts u

dan b'referenza ghal mara tieghu. Meta l-imputat kien ra li l-mara tieghu dahlet fl-appartament huwa kien dahhal il-genitali tieghu lura fil-qalziet u ghalhekk martu ma ratux bil-genitali barra.

**Grace Mary Grima** xehdet fis-seduta tal-15 ta' Ottubru, 2010 fejn ghamlet referenza ghall-medikazzjoni li hija kienet semmiet fid-deposizzjoni taghha f'din il-kawza fejn jiena qalet li qed tiehu xi medicini, u spjegat illi dawna l-medicini kienet tohodhom fis-sena 2008 u ghadha tohodhom sal-llum. Hija fil-fatt dawn il-medicini ilha tohodhom qisu ghal dawn l-ahhar sitta (6) jew seba' (7) snin. Ix-xhud tiehu din il-medikazzjoni minhabba l-kundizzjoni tal-*manic depressive phsycosis* u l-priskjatra taghha hija Dr. Ethel Felice. Hija iddikjarat illi wara dan l-incident mertu ta' din il-kawza l-imputat halliha bi kwieta. Ix-xhud stqarret illi tixtieq tahfer lill-imputat dwar l-akkadut, ghax taf li ghandu hafna tfal pero' tixtieq li hu jhalliha bi kwieta. Ghaldaqstant iddikjarat li qieghda tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat kull fejn huwa rinunzjabbli.

**WPC 137 Cleofa Buhagiar** xehdet fis-Seduta tat-13 ta' April, 2010 fejn iddikjarat illi fil-gurnata tat-18 ta' Mejju 2008 hija kienet qieghda stazzjonata gewwa l-Ghassa ta' Bormla, u kienet qieghda *second watch.* Dakinhar tat-18 ta' Mejju 2008 ghal habta tas-siegha ta' wara nofsinhar kienet giet Mary Grace Grima l-ghassa ta' Bormla u dina ghamlet rapport li in kwantu ghad-data tas-17 ta' Mejju, 2008 ghal habta tad-disgha ta' fil-ghaxija dina kienet cemplet lil Pulizija u

ghamlet rapport illi l-gar taghha kien qieghed idejjaqha biex huma jghidulu halli jbaxxi l-muzika. Dan ir-rapport kienet ghamlitu bit-telephone. Hija kienet qaltlu wkoll illi dakinhar fis-17 ta' Mejju kienet semghet lill-Pulizija li kienu marru ntervjenew fuq ir-rapport li kienet ghamlet bit-telephone il-gurnata ta' qabel. Filfatt il-muzika kienet waqfet imbaghad. Ix-xhud ziedet tghid illi mbaghad kien mar fir-residenza taghha certu David Caruana Smith fejn dana beda jinsulentaha u joffendiha. Hi ziedet tghidilha wkoll li dan kien rega' dahal fir-residenza tieghu u beda jdoqq il-muzika. Ziedet tghid lix-xhud ukoll illi mbaghad fl-istess lejl ghal habta tas-siegha ta' filghodu tat-18 ta' Mejju, 2008 dan mar ihabbtilha mal-bieb taghha u beda jitlobha biex tiftahlu. Hi ziedet tghidilha li dana David Caruana Smith beda jhabbat hafna. Hi qaltilha li hi mbaghad kienet fethet lil dana Smith fuq il-katina.

Hi qalet lix-xhud li dana Lawrence Smith qalilha biex hi ddahlu gewwa halli jkunu jistghu jirrangaw l-affarijiet ta' bejniethom. Lil dan David Caruana Smith qaltlu biex ma jkunx dublett u jsawwat mara. Hija dahlitu u kif dahlitu dan beda jghannaqha. Hi kienet bil-pijama u qalet illi mbaghad l-imputat beda jmissilha l-partijiet taghha anke l-partijiet t'isfel minn fuq il-pyjama. Dina Grace Grima qalet ukoll li dana David Caruana Smith kien ukoll hareg il-parti tieghu u huwa talabha biex hija timmasturbalu l-parti privata tieghu. Sussegwentament kienet giet mart dan David Caruana Smith u lil dina Mary Grace Grima qalilha li kien ser idahhal il-parti privata tieghu gewwa ghax il-mara tieghu kienet tinduna.

Mary Grace Grima qalet lix-xhud li l-imputat kien talabha biex ikollha x'taqsam sesswalment mieghu u li hu kien lest li jhallasha ghal dan izda hi rrifjutat li taghmel dan u mbutattu. Qaltilha illi dana David Caruana Smith mbaghad kien girfilha jdejha. Hija kienet imbezza' u li lilha David Caruana Smith qallha biex hi ma toqghodx tirrapurtah lil Pulizija. Ix-xhud flimkien mas-Surgent PS 1177 hadulha r-rapport, infurmaw l-Ispettur Jesmond Borg dwar il-kaz u hija kienet prezenti ghat-tehid tal-istqarrija li dina Mary Grace kienet irrilaxxat lil Pulizija fl-ufficju ta' Jesmond Borg gol-ghassa ta' Bormla. Ix-xhud spjegat illi dina Mary Grace kienet talbithom wara li giet taghmel ir-rapport biex jakkumpanjawha lura lejn ir-residenza taghha ghax kienet qieghda tibza' minn David Caruana Smith. Fil-fatt ix-xhud kienet marret maghha u urietha l-bieb tal-appartament u rat l-intern tal-appartament taghha. Hija spjegat illi dina Mary Grace Grima lilha kienet qaltilha li hi kienet tbaghti bid-*depression*. B'referenza ghal persuna li bdiet issemmi u cioe' David Caruana Smith ix-xhud taf li kien ingieb l-ghassa ta' Bormla u kienet ukoll qed taghrfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla.

**L-imputat David Caruana Smith** xehed fis-Seduta tat-18 ta' Lulju, 2012 fejn iddikjara li fit-18 ta' Mejju li kien is-Sibt, huwa gie mix-xoghol normali. Huwa tenna li l-*hobby* tieghu hija muzika, pero' dejjem zammha baxxa. Iddikjara li kemm ilu joqghod hemm, dak iz-zmien qatt ma kellu problemi ma' hadd. Daqq it-telephone, u rrispondieh mill-ewwel u kienet il-pulizija li qaltlu biex ibaxxi r-radio.

L-imputat wiegbu illi r-radio huwa baxx pero' qal li ha jbaxxilu xorta wahda. Tant hu hekk li t-telephone kien fuq ir-radio u semghu. Wara ftit huwa mar ihabbat lil Mary Grace. U staqsiha jekk irrapurtatux. Hija wegbitu li iva. Huwa qalilha biex darba ohra missha giet thabbat u kien ibaxxilu. F'dan il-mument gew il-mara u t-tifel tat-tifla tieghu mieghu. Mary Grace fethitlu l-bieb li kien bil-katina u dahlu jitkellmu maghha u dahlithom fis-salott u poggew bilqieghda. Il-mara tieghu ghamlet xi ghoxrin minuta bit-tifel hdejh, u mbaghad qaltlu li kienet ha tmur halli tkompli ssajjar u qalilha ok.

L-imputat iddikjara li kif il-mara harget din attakkatu, qabdet tbusu darbtejn, qabdet tidhaq, intefghet fuqu u bghabsu lil xulxin b'idejhom. Huwa mbaghad qalilha li ahjar jitlaq il-barra ghax beza' minhabba l-mara. Hija qaltlu li kien ikun ahjar jekk jaghtiha erbghin Ewro (€40) u fil-kaz imur il-gurnata tat-Tnejn wara s-sebgha (7:00), ghax hemm kienet se tkun. Huwa u hiereg regghet zammitu wara l-bieb, izda telaq il-barra u qalilha bonswa. L-imputat qal li wara tnejn u ghoxrin siegha giet il-pulizija tarrestah, jigifieri r-rapport taghha ma sarx dak il-hin izda sar wara tmintax (18) il-siegha.

Huwa sostna li huwa ma ghamlilha xejn, anzi bdietlu hi. L-imputat iddikjara li kienet bdietlu hi sa mill-bidu u cioe' qabel dan il-kaz ghax dejjem tigri warajh, u hu kien jaghtiha mitt lira Maltin (Lm100) kull hmistax. Meta huwa ma setghax jaghtiha iktar kienet tmur thabbatlu, tara li l-mara tieghu tkun telqet, titolbu l-flus u hu jghidilha li

m'ghandux minn fejn jaghtiha. Hija kienet theddu li kienet ha taqbad twerzaq u tghajjat u kienet iggibu dahru mal-hajt. Huwa ddikjara li kienet ghamlitlu hajtu nfern.

L-imputat stqarr illi lil din il-mara kien ghinha hafna ghax ghandha tifel mentali, u min jaf kemm il-darba cemplilha ghall-ambulanza, u min jaf kemm taha kenn ghax it-tifel taghha kien jattakkah. Dan it-tifel taghha fih tifel u kienet tmur thabbat lill-imputat biex jaghtiha l-kenn id-dar u kien icempel lill-pulizija u lit-tabib, ghax dan it-tifel kienu johduh mentali bit-tabib u bil-pulizija u hi dejjem issib kenn ghand l-imputat. Huwa jahseb li peress li huwa ma riedx jaf biha u ma riedx jaghtiha flus lil din il-mara, hija rritaljat fuqu b'dan il-mod.

L-imputat spjega li bejnu u bejn is-sinjorina Grima kellhom relazzjoni li damet xi tlett snin izda qatt ma hallietu kwiet. Huwa stqarr illi kien qabadha ma' zewgt irgiel, u qalilha biex lilu tinsieh u wara erbat ijiem giet thabbatlu l-bieb titolbu biex taghmel telefonata lill-professur ghax kienet ma tiflahx hafna. Huwa fethilha l-bieb u baxxa t-television. Sakemm dahal fil-kamra tas-sodda u baxxa t-television biex iccempel it-telephone din dahlet fil-kamra tas-sodda, faqghetlu n-nuccali u taghtu xebgha. Huwa stqarr illi mhux tajjeb ghal glied u kissritlu xi affarijiet id-dar. Ghalhekk huwa harigha 'il barra u wara zewg minuti marret bi flixkun ghalih, u rega' harigha l-barra u mbaghad cempel lill-pulizija. Sussegwentament gew il-pulizija u qalilhom x'gara u ghamel xahrejn ma jarahiex b'ghajnejh. Mistoqsi

min kien temm ir-relazzjoni ta’ bejniethom wiegeb li kien waqqafha hu ghax kien qieghed tajjeb mal-mara tieghu u ma riedx jaf biha aktar. Mistoqsi kif haditha din l-ahbar wiegeb li hi fferocjat ghax ma tahiex aktar flus u qal illi ghalhekk marret tattakkah.

Mistoqsi jekk dakinhar tal-incident in kwistjoni u cioe’ dak tas-sena 2008 jekk huwa ghamilx xi haga milli qalet hi wiegeb illi meta semaghha tixhed, id-diskors li qalet hi ma kienx minnu kollu. Huwa cahad li zammha kontra l-volonta taghha ghax din kienet bdietlu hi. L-imputat tenna illi meta kien wara l-bieb qalilha li ma tafx x’inhi taghmel jekk irrappurtatu hi u ma qalilha xejn aktar. Hija fethitlu l-bieb fuq il-katina u qalet lilu u lil martu sabiex jidhlu ghandha. L-imputat sostna li huwa skuza ruhu avolja r-radio kien baxx. Hekk kif dahal ghandha mal-mara, kellmitha l-mara tieghu u qaltilha li ma messiehx ghamliltu hekk lir-ragel ghax huma ghamlu hafna affarijiet maghha.

Mistoqsi dwar dawk l-azzjonijiet intimi li qal li graw bejniethom it-tnejn dakinhar, jekk kinitx hi li riedet li jkun hemm dawk l-azzjonijiet wiegeb li kienet bdietlu hi. Filfatt kien hemm kwistjoni ta’ ftit sekondi kollox fejn hija kienet qalghetlu l-bra izda waqaf kollox ghax hu qalilha li qed jibza minhabba l-mara tieghu u kien ser jitlaq. Kif qam minn fuq is-sufan, ghax huwa ma ccaqlaqx minn fuq is-sufan, hija qamet u tefghet wiccha mieghu, u qaltlu biex igib erbghin Euro (€40) nhar it-Tnejn, wara s-sebgha (7:00). Huwa wegibha li ma riedx ghax

qieghed tajjeb mal-mara hu. Mistoqsi jekk dakinhar sarux xi atti wara li telqet martu wiegeb li wara li telqet il-mara hi attakkatu, bisitu darbtejn u qaltlu li minghajru ma hija xejn. Huwa sostna li hawnhekk giet xehdet li ried jirrejpjaha pero' l-bieb taghha ma nghalaq qatt. Hi xehdet li huwa ghalaq il-bieb meta dahal, izda l-bieb ma nghalaq qatt la taghha u lanqas tieghu (sottolinear ta' din il-Qorti) . L-imputat iddikjara li ma riedx jirrejpja lill-mara, filfatt ma ried jaghmlilha xejn. Huwa sostna li kien qieghed tajjeb mal-mara, kienet hi li dawret l-istorja kollha.

Mitlub biex jispjega l-attakk huwa tenna li l-attakk beda kif harget il-mara tieghu u qabditu u bisitu darbtejn tajjeb. Huwa tefa' jdejh fuq spallitha, hi tefghet idejha fuq spaltu, hu qabadilha sidirha, qabditlu l-parti tieghu, qabdilha l-parti taghha, u mbaghad qalilha li kien qed jibza' minhabba l-mara tieghu u waqfu. Hekk kif qam hija qamet warajh u qaltlu biex ma jinsiex igib l-erbghin Euro (€40) nhar it-Tnejn wara s-sebgha (7:00) ghax kienet se tkun id-dar. Din baqghet tinsisti biex ikollu x'jaqsam maghha, izda qalilha li ma kienx gej. Huwa u hiereg il-barra regghet zammitu u qaltlu biex imur ha turih kemm ghandu nadif, biex iddawwru mal-kmamar izda huwa ma dahalx warajha u telaq il-barra. Qabel telaq qalilha "*bonswa ha mmur l-hemm*".

L-imputat cahad li waqt li kienu gewwa kien hemm il-mara wara l-bieb ghax il-bieb dejjem kien miftuh. Hawnhekk hija qalet li l-mara

kienet wara l-bieb u meta l-Ispettur Borg staqsiha kif kienet taf li kienet wara l-bieb wegbitu bil-kelma "*nahseb*". Hija l-ewwel qaltlu li kienet wara l-bieb u meta ghamlilha l-mistoqsija l-Ispettur Borg wegbitu "*nahseb*", dan ghall-imputat ifisser li ma kinitx qed tghid il-verita'. Huwa tenna li l-mara tieghu dahlet xi tlieta jew erba' darbiet biex tghidlu biex imur jiekol u kull darba terga' tohrog u hu kien jghidilha li kien gej. Il-mara tieghu ratu bilqieghda hdejha ghax hu ma ccaqlaqx minn hdejha u ma rathomx f'xi mument intimu.

Mistoqsi jekk jafx li s-sinjorina Grace Grima ghandha xi kundizzjoni wiegeb li jaf li ghandha kundizzjoni fejn il-mara daqqa tkun tajba u daqqa tkun hazina hafna. Filfatt hi qieghda fuq il-medicina. Pero' stqarr illi jekk issemiha l-Isla kulhadd jaf jghidlek x'inhi. Mistoqsi jekk meta kien jafha kienx jaf li kellha din il-kundizzjoni wiegeb li kien jaf biha imma ddarras. Huwa spjega li hi kienet tghidlu li tbaghti bid-*depression* u ma kienx jaf li tiehu certu medicini. Huwa l-aktar li sar jaf meta semaghha tixhed fl-awla. L-imputat stqarr illi fis-sena 2008 huwa kien ibaghti bid-*depression* pero' llum il-gurnata ghaddielu u jhossu li huwa f'kundizzjoni tajba hafna.

Illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef datat 21 ta' April, 2014.

Illi din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemha kif preseduta illum 5 ta’ Mejju, 2014.

Illi din il-Qorti rat li din il-kawza kienet ilha differita ghas-Sentenza sa mill-20 ta’ Marzu 2013 wara li f’dik l-istess Seduta kient saret it-trattazzjoni tal-partijiet.

Illi din il-Qorti kif preseduta appuntat il-kawza quddiemha ghal 5 ta Mejju 2014 u dan bil-ghan sabeix tara jekk il-partijiet kienux ser jezentawha milli terga’ tisma’ ix-xhieda mill-gdid u dan bil-ghan li tiddiferixxi il-kawza ghas-Sentenza ghal data vicina.

Rat illi fis-Seduta tal-5 ta Mejju 2014 deher l-imputat u l-partijiet u ilkoll flimkien ezentaw lil din il-Qorti kif preseduta mill-htiega li terga’ tisma’ ix-xhieda mill-gdid u irrimettu ruhhom ghall-atti processwali li ghal darb ohra regghu ittrattaw il-kaz quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Ikkkunsidrat.

Ta’ min jfakkar li fi proceduri penali, l-onus tal-prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-Difiza trid tipprova xi haga. L-oneru tal-prova

huwa mixhut fuq il-Prosekuzzjoni li qed takkuza [vide **Il-Pulizija vs Antonio Schembri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-dsatax ta' Dicembru, 1936].

Il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** *- pg. 234 Vol III* jghid:

*“Il cosi detto onero della prova, cioe il carico di fornirla spetta a chi accusa.*"

Ghalhekk din il-Qorti, bhal kull Qorti ohra, hija fid-dmir li ssib htija tal-imputat jekk il-provi tal-Prosekuzzjoni huma totalment sodisfacenti u li m'ghandha jkollha l-ebda dubbju dwar il-kolpevolezza tal-imputat. L-icken dubbju kkawzat f'dawn l-provi jew bil-provi prodotti mid-difiza, ghandu per forza jmur favur l-imputat li ghandu mmedjatament jigi ddikjarat liberat. Din hija il-prassi legali f'dan il-pajjiz [vide **Il-Pulizija vs Austin Joseph Psaila et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' April, 1992].

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubbju regjonevoli, cioe’ oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Bhala konkluzzjoni tal-introduzzjoni, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu isir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati, kemm individwalment, kif wkoll komplessivament.

Illi din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet tal-fatti u cioe' dik prosposta mill-kweralant Grace Mary Grima bhala xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni, u dik proposta mill-imputat li jichad dak li gie allegat fil-konfront tieghu.

Din il-Qorti sfortunatament ma hiex qeghda f'posizzjoni vantaggjuza kif tkun is-soltu meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ma kienetx hi li ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u cioe' hadet z-zmien taghha sabiex tigbor u tisma' viva voce il-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla il-kredibilita' u veracita' tax-xhieda prodotti quddiemha. L-ezercizzju ta' ezami tax-xhud kif kontemplat fl-**artikolu 657 tal-Kap 9** u cioe' li tevalwa l-imgieba u l-karattru ta' kull xhud li semghet u li taghmel apprezzament taghha ghal mod ta' kif x-xhieda jwiegbu ghad-domandi li jsirulhom quddiemha, ghal kull interess li jista' jkollu kull

xhud u b'hekk tuza l-kriterji kollha li l-ligi taghtiha sabiex tkun f'posizzjoni li tikkontrolla l-kredibilita' tax-xhud li f'dan il-kaz huwa mportanti hafna peress li hija rinfaccjata b'versjonijiet konfligenti tal-fatti u ghalhekk f'dan il-kaz, il-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda moghtija mill-imputat waqt li kien fil-pedana tax-xhieda u dik tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni, kif traskritta fl-atti u dan sabiex tara liema versjoni sejra taccetta u hu biss wara li ghamlet dan l-ezercizzju li ghandha tara jekk jibqghux d-dubbji ragjonevoli fiha jew le.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Settembru 2002 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfligenti. Jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura ghandu jillibera, jew jekk dan moralment konvint li l-versjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta u jekk dik il-versjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provediment iehor. Issa jekk il-Qorti thoss li hemm xhieda aktar kredibbli minn ohra, tkun effettivament qed ssib htija '*on a balance of probabilities*' u mhux ghaliex ikun hemm prova u ma jkollha ebda dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija tieghu.

Fil-fatt kif gie sottolineat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:**

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Huwa minnu wkoll kif hemm imnizzel fl-**artikolu 638(2) tal-Kap 9** li x-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnuta minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha w kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli w verosimili fic-cirkostanzi w dan a bazi ta' possibilita'.

Illi ma hemmx dubbju li din il-kawza tiddependi fuq kwistjoni ta' kredibilita' ta' xhieda principalment.

Illi fil-kaz in dezamina l-kwerelanti qed tallega li hija giet sekwestrata gewwa darha mill-imputat meta dan beda joffendi il-pudur taghha u jghajjarha u jeddhidha bil-mewt. L-imputat min naha l-ohra cahad dan kollu ghalkemm jikkonferma li fil-passat kellu realzzjoni maghha. Il-Prosekuzzjoni issostni li l-imputat ha vantagg mill-fatt li l-imputata hija dghajfa u tinsab taht kura medika pero' jirrizulta ukoll u dan il-fatt mhux kontradett li anke l-imputat ibati minn xi depression.

**Kunsiderazzjonijiet legali**:-

Fl-ewwel lok l-imputat huwa akkuza bir-reat kif dispost fl-**artikolu 207** tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:-

*"Kull min jinsab ħati ta' attentat vjolent għall-pudur li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu...."*

Issa mill-atti processwali jirrizulta li Mary Grace Grima kienet irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-gar taghha l-imputat odjern meta xehdet il-Qorti nhar il-15 ta' Otttubru 2010.

L-**artikolu 544** tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta jghid li ma jistghux isiru proceduri kriminali hlief fuq talba tal-parti privata f'ebda wiehed mill-kazijiet li gejjin:

a. ommissis

b. ommissis

c. attentat vjolenti ghal pudur.

Izda meta xi wiehed minn dawn id-delitti jsir bi vjolenza pubblika jew flimkien ma’ reat iehor li jolqot l-ordni pubblika, l-azzjoni kriminali titmexxa indipendentement mill-azzjoni tal-parti privata.

Issa fil-kaz ta' attentat ta' pudur vjolenti stante li allegatament gie kommess fuq tifla ta' disgha snin, il-Kodici Kriminali, fl-**artikolu 544(3)** tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta wara li jistabbilixxi li ma jistghux jsiru

proceduri kriminali hlief fuq talba privata, jaghmilha cara wkoll li pero' meta dan d-delitt jsir bi vjolenza jew flimkien ma' reat iehor li jinteressa l-ordni pubbliku, l-azzjoni kriminali titmexxa indipendentement mill-azzjoni tal-parti privata.

Issa f'dan il-kaz l-**artikolu 544 tal-Kap 9** tal-ligijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:

*"Ma jistghux isru proceduri kriminali, hlief fuq talba tal-parti privata, f'ebda wiehed mill-kazjiet li gejjin:*

*a. ommissis*

*b. ommissis*

*c. attentat vjolenti ghal pudur [artikolu 207].*

*d. ommissis*

*Izda meta xi wiehed minn dawn d-delitti jsir bi vjolenza pubblika jew flimkien ma reat iehor li jolqot l-ordni pubblika, l-*

*azzjoni kriminali titmexxa ndipendentement mill-azzjoni tal-parti privata."*

Ma hemmx dubbju li l-imputat hu akkuzat principalment bir-reat kif dispost fl-**artikolu 207 tal-Kap 9 tal-Ligijiet** ta' Malta u cioe' attentat vjolenti ghal pudur fil-konfront tal-kwerelanta w ghalhekk hi mehtiega l-kwerela taghha.

Ma jirrizultax pero' mill-akkuzi moghtija mill-Prosekuzzjoni nhar id-19 ta' Mejju 2008 li l-imputat gie akkuzat b'xi delitt li sar bi vjolenza pubblika jew flimkien ma reat li jolqot l-ordni pubblika w ghalhekk l-azzjoni ma tistax titmexxa ndipendentement mill-Pulizija Ezekuttiva. In vista ta' rinunzja tal-kwerela da parti tal-allegata vittma, **l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza ta' stupru vjolenti.**

Fit-tieni lok, l-imputat gie akkuzat bir-reat ta' sekwestru kif kontemplat fl-**artikolu 86 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**, kif aggravat bl-**artikolu 87(g)** u cioe' li delitt t'arrest, detenzjoni jew

sekwestru kontra l-ligi sar bhala mezz biex l-allegata vittma tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

**L-artikolu 86 tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:-

*"Kull min bla ordni skond l-ligi ta' l-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, jarresta, jzomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi mizmuma jew ssekwestrata."*

Illi ghalhekk, minnufih jirrizulta li bniedem jista' jinstab hati ta' din l-akkuza una volta u principalment li m'ghandux ordni skond l-ligi t'awtorita' kompetenti u dan hu partikolari, li l-imputat ma kellux awtorita' skond l-ligi t'awtorita kompetenti biex jarresta lil xi hadd.

Izda minn naha l-ohra jista' jinghad li dan b'xi mod arresta, zamm jew issekwestra lil Grace Mary Grima ?

Din il-Qorti tara li l-elementi tal-artikoli rilevanti ghal dan il-kaz, huma tnejn, ghal dak li jirrigwarda definizzjoni.

L-ewwel element hu dak ta' sekwestru ta' persuna u t-tieni hu li tali sekwestru jista’ jsir kontra l-volonta’ tal-persuna sekwestrata.

L-ewwel element ta' sekwestru jinkludi fil-fehma tal-Qorti t-tehid jew t-trasport ta' persuna minn persuna ohra.  Hemm diversi forom li dan jista jiehu u l-aktar wiehed komuni hu dak ta' fejn bniedem jigi mehud bil-forza.  Izda dan mhux l-uniku tip ta' agir li jinkwadra f'dan r-reat kif donnu ried ifhiem l-avukat difensur lil din il-Qorti.

Huwa ovvju li hemm diversi metodi li jnehhu d-dritt ta' persuna ghal moviment liberu u taghha u dan huwa t-tifsir tal-kelma "*sekwestru*" f'dan il-kuntest.  Dan huwa wkoll evidenti mill-intestatur tas-Sub Titolu 1 tal-artikolu III tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li tahtu jaqa’ dan l-artikolu - l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat tal-awtorita’ pubblika jindika li taht dan l-Kap jaqa’ agir li jekk kommess minn min ghandu awtorita’ ma jkunx punibbli.

Il-gurista Taljan **Maino** fil-ktieb tieghu ***Commento al Codice Penale*** jikkummenta fuq l-artikolu 146 li huwa bhal l-**artikolu 86** taghna a fol. 112 paragrafu 788 Vol II billi jghid:-

*"Il sequestrato richiede che la privazione della liberta sia assoluta e avvenga in circostanze tali da tagliere alla vittima ogni possibilita' di scampo o di soccorso."*

**Antolisei** fil-ktieb tieghu ***Manuale di Diritto Penale Ediz. 1977 pagna 134*** jghid:-

*"Le fatti specie del delitto in parole si realizza anche se la privazione della liberta non e' totale na occorre che al paziente sia reso del tutto impossibile ogni via di scampo. E necessario per altro che la perdita della liberta si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo."*

Fil-fatt **La Corte di Cassazzione** tal-Italja b'Sentenza moghtija fl-erbatax ta' Jannar, 1961 ipprecizat:-

*"Che la privazione della liberta di movimento del soggetto passivo deve perdurare - per un apprezzabile lasso di tempo anche brevissimo cosi che non sarebbe rilevante solo se momentaneo e fugace."*

Element importanti ghall-ezistenza ta' dan r-reat kif imsemmi fis-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Jannar, 1998, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andrew Bonnici,** huwa li bniedem irid jkun jittiehed fil-post kontra l-volonta' tieghu.

Illi ghalhekk, il-Qorti thoss li wara li spjegat t-tifsira ta' reat ta' sekwestru ta' persuna, trid issa tezamina l-fatti specie f'dan il-kwadru.

Illi l-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-imputat mhux konfermati mill-allegat vittma, ghaliex l-imputat jichad li huwa

zamm l-allegata vitma fl-appartament taghha kontra ir-rieda taghha. Anzi jghid li kienet l-allegata vittma stess li fethitlu l-bieb u stidnitu sabiex jidhol ghandha u skond l-imputat kienet l-allegata vittma stess li avvicinatu u xtaqet li jkollha x'taqsam mieghu. Huwa jghid li effetivament vera messha intimament pero' dan fuq insistenza taghha u dan waqt li l-bieb tal-appartament taghha kien miftuh u l-mara u uliedu kienu barra. L-allegata vittma tghid li hija fethet il-bieb ta' barra tal-appartament taghha ghaliex l-imputat kien qed idoqq il-qanpiena taghha bla hniena u kient qed tibza' minnu. Spjegat li fil-fatt hija ghandha katina mal-bieb pero' sabiex izzomm il-paci fethitlu wara li qaltlu sabiex ma jsawwatix mara. Din il-versjoni hi ghall-ahhar in vero simili fid-dawl ta' kif iddeskriviet l-imputat u cioe' li kien aggresiv u li allegatament waqt li kien barra beda jheddidha u jghajjrha bil-mejtin taghha u kienet fil-fatt ghadha kif tilfet lil huha. Tghid ukoll li waqt li l-imputat kien gewwa darha fl-ebda hin ma heddidha. Din il-versjoni tal-fatti, l-Qorti issibhom inveritieri fic-cirkostanzi u ghalhekk ir-reat kif konsegwentement l-aggravju tieghu ma jissustux.

Fit-tielet lok l-imputat huwa akkuzat talli ikaguna feriti ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr Jesmond Cassar bic-certifikat mediku tieghu datat 18 ta Mejju 2008 esebit fl-atti a fol. 26. Illi pero' tali akkuza hija renunzjabbli u in vista ta' dak li xehdet l-allegata vittma u cioe' li kienet qed tirrinunzja ghal dak kollu renunzjabbli tastjeni milli tiehu konjizzjoni ultejruri ta' din l-istess tielet akkuza.

Fir-raba' lok l-imputat huwa akkuzat bil-kontravenzjoni kif dispost fl-**artikoli 339 (1) (d) tal-Kap 9** tal-ligijiet ta' Malta u cioe' li hebb ghal Mary Grace Grima sabiex jingurjaha jew li jghamel hsara lilha. F'dan ir-rigward minghajr ma il-Qorti tidhol sabiex tara jekk effettivament tali akkuza tirrizulax taghmel referenza ghar-renunzja tal-allegata vittma u konsegwentement qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ultejruri ta din l-istess raba' akkuza.

Fil-hames akkuza l-imputat huwa akkuzat bil-kontravenzjoni kif dispost fl-**artikoli 339 (1) (e) tal-Kap 9** tal-

ligijiet ta’ Malta u cioe’ li hedded bil-mewt lil Mary Grace Grima. F’dan ir-rigward minghajr ma il-Qorti tidhol sabiex tara jekk effettivament tali akkuza tirrizultax taghmel referenza ghar-renunzja tal-allegata vitma u konsegwentement qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ultejruri ta’ din l-istess hames akkuza.

Fis-sitt lok l-imputat huwa akkuzat talli kiser il-paci pubblika b’ghajjat u glied kif dispost fl-**artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.**

Fil-fatt hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jghid **Archbold** fil-ktieb tieghu ***Criminal Proceedings*** (pagna 2549) meta jikkwota dak li qal L.J. Romar fil-kaz AG v PYA Quarters.

"*that it is clear in my opinion that any niusance in public which materially affects the reasonable comfort and niusance of life of a class of Her Majesty's subject.*"

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal ktieb **The Criminal Law of Scotland** (pagna 985, para. 4101 ta' Gerald H. Gordon) fejn hemm tifsira ta' x'inhu paci pubblika u precizament fejn jghid:

"*whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstance of each case... although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone. Such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstance was such that it was calculated to lead to actual disturbance.*"

Illi fil-kaz in desamina il-Prosekuzzjoni ma resqet lil hadd mill-pubbliku sabiex jghid u jikkonferma li effettivament kien hemm xi ksur ta' paci pubblika. Kienet biss l-allegata vittma li qalet li l-imputa kien qieghed f'xi hin possibbilment jghajjat waqt li kien barra l-appartament taghha fl-indana komuni ma' dik tal-girien, pero' fl-ebda hin ma l-Prosekuzzjoni ressqet xi gar

sabiex jghid dak li sema' jew addirittura ra b'ghajnejh u ghalhekk din is-sitt akkuza ukoll ma tirrizultax provata.

Fis-seba' akkuza l-imputat huwa akkuzat bil-kontravenzjoni kif dispost fl-**artikoli 338 (bb) tal-Kap 9** tal-ligijiet ta' Malta u cioe' li qal kliem oxxen indicenti u dagha. Issa mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-imputat f'xi hin dagha jew qal kliem oxxen u dan ghaliex il-Prosekuzzjoni naqset li tipprova d-diskors li allegatament intqal mill-imputat u ghalhekk tali akkuza ukoll ma tirrizultax.

Fit-tmien akkuza l-imputat gie akkuzat bir-reat kif dispost fl-**artikolu 251B tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta** u cioe' li gab ruhu b'tali mod li ikkaguna lil haddiehor biza' li ser tintuza vjolenza kontra taghha meta huwa kien jaf jew messu kien jaf li b'tali imgieba tieghu kien ser jikkaguna lil haddiehor biza.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-Sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Julian Genovese**', deciza fit-12 ta' Awwissu 2010

mill-Qorti ta' l-Appell fejn inghad li sabiex dan ir-reat jissussisti hemm bzonn certament ta' "*course of conduct*" – kif spjegat minn din il-Qorti fis-Sentenza taghha tal-24 ta' April 2009 fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Raymond Parnis' –** li jwassal lil dak li jkun li jibza' li kienet ser tintuza vjolenza kontra tieghu.

Fil-fatt fis-Sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Edmond Cuschieri) vs Brian Micallef**', deciza fl-14 ta' Ottubru 2011 mill-Qorti ta' l-Appell, l-imputat kien gie liberat minn din l-akkuza ghaliex dak li kien gie ppruvat fil-konfront tieghu sehh f'okkazzjoni unika u ghalhekk l-imgieba tieghu ma setghet qatt twassal ghal sejbien ta' htija tar-reat kontemplat fl-artikolu msemmi peress li skont l-appellant "*l-imgieba li tissemma fis-subartikolu (1) tieghu timplika tal-anqas zewg okkazzjonijiet*". In sostenn tat-tezi tieghu l-appellant jaghmel referenza ghas-Sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Raymond Parnis'** tal-24 ta' April 2009. F'dik is-Sentenza gie rilevat li r-reat *de quo* gie ispirat mill-artikolu 4(1) tal-*Protection from Harassment Act*, 1997 tal-Ingilterra fejn ir-reat espressament jirrikjedi bhala wiehed mill-

elementi materjali tieghu li l-imgieba trid tkun tikkonsisti fi "on at least two occasions".

Fis-Sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Buhagiar**', deciza fl-24 ta' Jannar 2011 mill-Qorti ta' l-Appell gie deciz li:-

*"L-ewwel nett dwar il-punt tad-dritt. L-artikolu 251B tal-Kodici Kriminali juża l-kelma 'imgieba ' fit-test Malti u 'course of conduct' fit-test Ingliż. Aktar 'l isfel fl-istess artikolu sibu l-kliem 'tkun taf li l-imgieba tagħha se tikkaguna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet'.*

Ghalhekk biex ikun hemm htija taht l-**Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta** irid ikun hemm *a course of conduct* kif juri l-kliem **"***lil xi haddiehor hekk jibza' kull darba minn dawk l-okkazjonijiet***"**. Jista' jkun hemm aktar minn okkazjoni waħda fl-istess jum u ghalhekk ikun applikabbli l-**Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta** xorta wahda.

F’dan il-kaz kien hemm incident bejn il-lejl ta 17 u 18 ta Mejju 2008, u ghalhekk stante li fil-proceduri odjerni wiehed ma jistax jitkellem dwar *a course of conduct* din l-akkuza ma tistax tirrizulta lanqas.

Fl-ahhar lok gie akkuzat talli gab ruhu b’mod li ta fastidju lil Gracy Mary Grima u b’mod li kien jaf jew li missu kien jaf li kien ta’ fastidju ghal persuna gja imsemmija kif dispost **fl-artikolu 251A tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.**

Dan l-artikolu huwa meħud kważi kelma, b’kelma mil-liġi ‘**Protection of Harassment Act 1997’**. Dwar l-Att l-**Archbold** jgħid dan li ġej:

‘*The Act describes itself as one ‘to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct.’* Fil-fatt dan ir-reat gie prospettat sabiex jipprovdi ligi ghal

fenomenu li qed jizdied hawn Malta dwar dak li bl-Ingliz huwa komunement maghruf bhala ‘stalking’. Ghalkemm definizzjoni ghal kelma “ *harassment*” m’ghandniex, ghalkemm fl-artikolu 7(2) jipprovdi referenza ghal ‘*harassing a person* ’ billi jinkludi sens ta’ allarm f’persuna ohra jew li tikkawza skumdita ghal dik l-istess persuna”.

Fis-Sentenza deciza mill-Qrati Inglizi fl-ismijiet ‘**Tuppen and anor vs Microsoft Corporation Limited and Anor**, kif rapportata fil-gazzetta Ingliza The Times’ fl-edizzjoni tal-15 ta Novembru 2000, L-Imhallef Douglas Brown stqar li “ *that there being no definition of ‘harassment’ in the Act, it was legitimate to have recourse in the proceedings in Parliament as an aid to construction because the wide potential and far-reaching meaning that might be attributed to the word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-social behaviour by neighbours and racial harassment*”.

Izda fis-Sentenza fl-ismijiet ‘**<u>Thomas vs News Group Newspaper Ltd and anor</u>**, deciza fil-15 ta Lulju 2001, mill-Qorti Civili tal Appell gie ritenut li:- *“the Act is concerned with conduct targeted at an individual which ws calculated to produce alarm or distress and which was oppressive and unreasonable*”.

Fil-fatt inghad li *“Two incidents can constitute a ‘ course of conduct’ but the fewer the incidents and the greater there separation in time, the less likely it is that they could be described as ‘a course of conduct’”*: **<u>Lau vs DPP</u>** (2000) 1 F.L.R. 799 DC.

Illi jinghad fil-kaz in dezamina li ma kien hemm l-ebda ‘*course of conduct’* tant li in effetti l-allegata vittma sahansitra anke irrinunzjat ghal dak kollu li huwa renunzjabbli . Semmai dak li seta’ jirrizulta kien biss li kien hemm incident wiehed u izolat li anke dwar dan pero’ l-Qori ghandha id-dubbji serji taghha.

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-artikoli **18, 86, 87 (1) (b), 201 (b), 207, 221, 251B u 251A, 339 (1) (d), 339 (e), 338 (dd), 338 (bb) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ma ssibx lill-imputat DAVID SMITH CARUANA hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom.**

Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tapplika l-art. 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' din il-persuna hawn fuq indikata, il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha stante li ma sabitx lill-imputat hati ta' l-akkuzi odjerni .

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex din il-Qorti tohrog Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Grace Mary Grima, minn L-Isla u l-familjari taghha, ai termini ta' l-artikoli 412C u 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza, kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li din l-Onorabbli Qorti**

**jidrilha xieraq, hawnhekk ukoll il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha stante li ma sabitx lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti** .

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hawnhekk ukoll il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha stante li ma sabitx lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti** .

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------